TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 260/13/F

**Charlene Desira**

**vs**

**Mobile Communications Limited**

Illum 18 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sitt mija, u disgħa w erbgħin ewro (€649), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li wara ftit kellu l-ħsara u ma setax jissewwa.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* mingħand is-soċjeta' ntimata, u li ftit wara kellu l-ħsara u għalhekk ħaditu għat-tiswija.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi meta r-rikorrenti ħadet il-*mobile phone* għat-tiswija, irriżulta li dan kellu xi likwidu fih.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-ritratt li ġie esebit mill-intimat, jinnota illi kien hemm ħsara li hija riżultat ta' xi likwidu fih, u għaldaqstant it-Tribunal qed jemmen din il-verżjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888